MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1091/2008

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Muson Company Limited et**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta` attrici li biha, ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino datati fil-15 ta' Lulju, 1999, dokumenti A u B, is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` Muson Company Limited ;

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` Muson Company Limited fis-somma ta’ erbgha u erbghin elf, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€44,228.41) bilanc ghad-debitu fil-« Loan Accounts » tas-socjeta` Muson Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c dokumenti C1 sa C4, D1 sa D6, flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-26 ta’ Settembru 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament ;

Illi permezz ta’ skrittura privata u cioe` dik datata fis-16 ta’ Gunju, 1999, dokument E, il-konvenuti Marin Petrov Marinov u martu Sofia Rusanova iggarantew flimkien u « in solidum » mas-socjeta` Muson Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta` Muson Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta’ tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin elf, u tlieta u sebghin centezmu (Eur 23,293.73).

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura privata fuq imsemmija, dokumenti A, B u E, imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` Muson Company Limited u Marin Petrov Marinov u Sofia Rusanova ;
(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti b’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta` Muson Company Limited u Marin Petrov Marinov u martu Sofia Rusanova li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attur nomine jaf bil-fatt fuq imsemmija personalment

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati fit-28 ta’ Lulju, 2006 li kopji taghhom esebiti u mmarkati dokumenti F u G, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti oppurtuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandiex din il-qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeda hawn titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura privata fuq imsemmija, dokumenti A, B u E, partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` Muson Company Limited u Marin Petrov Marinov u martu Sofia Rusanova (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Muson Company Limited u Marin Petrov Marinov u martu Sofia Rusanova li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.
2. Tikkundanna lis-socjeta` Muson Company Limited u lil Marin Petrov Marinov u martu Sofia Rusanova flimkien u « in solidum » jhallsu is-somma ta' erbgha u erbghin elf, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€44,228.41) lis-socjeta` attrici bilanc ghad-debitu fil-« Loan Accounts » tas-socjeta` Muson Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c, dokumenti C1 sa C4, D1 sa D6 flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Settembru, 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati fit-28 ta' Lulju, 2006 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment u minghajr pregudizzju u bir-rizerva ghall-pretensjonijiet ohra tal-attrici kontra l-konvenuti Marin Petrov Marinov u martu Sofia Rusanova li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghhom tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra l-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------